Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14109/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0129(COD)**

TRANS 530

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 11818/2/18 REV 2 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq – Approċċ ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala parti mill-hekk imsejjaħ it-*Tielet Pakkett dwar il-Mobbiltà*.

- L-objettiv ewlieni tal-proposta huwa li jitnaqqsu l-fatalitajiet fit-toroq u l-korrimenti serji;

- Il-Kummissjoni tqis li d-Direttiva fis-seħħ mhijiex tilħaq bis-sħiħ l-objettivi tagħha li sal-2020 tnaqqas bin-nofs il-fatalitajiet fit-toroq, u hemm bżonn ta' azzjoni msaħħa;

- Il-Kummissjoni tidentifika li parti mill-ivjaġġar fuq in-netwerk TEN-T isir fuq toroq bi prestazzjoni baxxa ta' sikurezza. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li toroq barra min-netwerk TEN-T kellhom sikurezza intrinsika baxxa u li kien hemm differenzi kbar bejn il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' toroq f'partijiet differenti tal-Unjoni Ewropea;

– Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tippromwovi l-armonizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn l-Istati Membri, tipproteġi l-utenti vulnerabbli tat-triq, ittejjeb l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ttejjeb is-segwitu dwar is-sejbiet ta' proċeduri ta' ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq;

– Il-proposta ġiet ippreżentata bħala direttiva emendatorja.

2. Fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ħatar lis-Sinjura Daniela Aiuto (EFDD, IT) bħala r-rapporteur. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) ddeċieda li ma jagħtix opinjoni. Il-Kumitat mistenni jivvota fit-3 ta' Diċembru 2018.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fis-17 ta' Ottubru 2018. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għadu ma adottax l-opinjoni tiegħu sa issa.

4. Il-Parlament Żvediż (Riksdag) adottat opinjoni motivata dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Kamra tad-Deputati Ċeka u s-Senat adottaw riżoluzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

## II. ĦIDMA FIL-KORPI TAL-KUNSILL

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-eżami tiegħu tal-proposta fit-12 ta' Ġunju 2018 bi preżentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet studjata fil-5 ta' Lulju 2018.

6. Matul il-Presidenza Awstrijaka, il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu fil-11 ta' Lulju, it-12 ta' Lulju, l-20 ta' Settembru, l-24 ta' Settembru, il-11 ta' Ottubru u t-12 ta' Novembru. Waħda mill-isfidi ewlenin tal-fajl kienet l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u reviżjoni ġenerali tas-sistema attwali ta' spezzjonijiet. Il-Presidenza żviluppat kompromess bejn is-sistema l-antika ta' spezzjonijiet u l-approċċ proattiv ġdid introdott mill-Kummissjoni.

7. L-introduzzjoni ta' annessi ġodda kienet tirrikjedi abbozzar mill-ġdid konsiderevoli li tiġi kkonfermata n-natura tagħhom bħala gwida għall-Istati Membri, mingħajr ma jiġi impost rekwiżit legali riġidu. Il-Presidenza, filwaqt li ispirat ruħha minn proposti mill-Istati Membri, abbozzat mill-ġdid żewġ annessi fl-intier tagħhom, billi pprovdiet annessi aktar sempliċi u diretti. Il-Grupp ta' Ħidma sab il-kompromessi fil-biċċa l-kbira sodisfaċenti fiż-żewġ każijiet.

8. Id-Direttiva 2008/96/KE[1] attwali kienet koperta wkoll fl-Omnibus biex tallinja d-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija fil-leġislazzjoni tal-Unjoni[2], li laħaq Approċċ Ġenerali Parzjali fl-20 ta' Marzu 2018[3]. Il-Presidenza allinjat din il-proposta mal-Approċċ Ġenerali Parzjali u ttrasferiet it-tibdil li diġà kien hemm qbil dwaru. Il-Presidenza pproponiet ukoll bidliet żgħar fit-test li diġà kien hemm qbil dwaru billi dawn ma kinux jirriflettu bidliet operattivi oħra fid-Direttiva emendatorja.

## III. KWISTJONI PENDENTI PRINĊIPALI

9. Il-Grupp ta' Ħidma indirizza l-parti l-kbira tal-kwistjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom. It-test ippreżentat hawnhekk mhuwiex kondiviż bis-sħiħ mill-Kummissjoni kollha. Madankollu, il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess attwali jirrappreżenta soluzzjoni bilanċjata iżda fl-istess ħin koerenti għall-kwistjonijiet ikkonċernati.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova t-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza fl-Anness għal dan id-dokument. Wara dan, it-test jiġi ppreżentat lill-Kunsill TTE (Trasport) fit-3 ta' Diċembru 2018 biex jintlaħaq approċċ ġenerali.

---

1 Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59–67)

2 Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILl li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM/2016/0799 final - 2016/0400 (COD))

3 ara d-dok. ST 6933/18.

2018/0129 (COD)

**Proposta għal**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Huwa l-objettiv strateġiku tal-Unjoni li jitnaqqas bin-nofs l-għadd ta' mwiet fit-toroq sal-2020 meta mqabbel mal-2010, u biex nersqu eqreb għal żero fatalitajiet sal-2050 ("il-Viżjoni Żero")[3]. Madankollu, il-progress lejn il-kisba ta' dawn l-objettivi waqaf f'dawn l-aħħar snin. Mira interim ġdida ta' tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' korrimenti serji sal-2030 meta mqabbel mal-2020 ġiet approvata mill-Kunsill f'Ġunju 2017[4]

[1] ĠU C , , p. .

[2] ĠU C , , p. .

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM(2010) 389 final)

[4] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sikurezza fit-toroq li japprovaw id-dikjarazzjoni tal-Belt Valletta ta' Marzu 2017 (Il-belt Valletta, 28 – 29 Marzu 2017) (ST 9994/17)

(2) Skont l-approċċ tas-Sistema Sikura, l-imwiet u l-korrimenti serji fl-aċċidenti tat-traffiku, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jistgħu jiġu evitati. Din jenħtieġ li tkun responsabbiltà kondiviża fil-livelli kollha biex jiġi żgurat li l-ħabtiet ma jwasslux għal ġrieħi gravi jew fatali. B'mod partikolari, toroq imfassla tajjeb u miżmuma b'mod xieraq fil-prinċipju jenħtieġ li jnaqqsu l-probabbiltà tal-aċċidenti tat-traffiku, filwaqt li toroq "li jaħfru" (toroq imfassla b'mod intelliġenti biex jiġi żgurat li l-iżbalji fis-sewqan mhux bilfors ikollhom konsegwenzi serji) jenħtieġ li jnaqqsu s-severità tal-aċċidenti.

(3) It-toroq tan-netwerk trans-Ewropew definit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] huma ta' importanza kbira fl-appoġġ għall-integrazzjoni Ewropea. Jenħtieġ għalhekk li jiġi ggarantit livell għoli ta' sikurezza f'dawn it-toroq.

(4) Il-proċeduri ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq implimentati fin-netwerk trans-Ewropew għenu biex jitnaqqsu l-fatalitajiet u l-korrimenti serji fl-Unjoni. Huwa ċar mill-evalwazzjoni tal-effetti tad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] li l-Istati Membri li applikaw il-prinċipji tal-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq ("il-prinċipji tar-RISM") fuq bażi volontarja fit-toroq nazzjonali tagħhom, lil hinn min-netwerk tat-TEN-T, laħqu prestazzjoni tas-sikurezza fit-toroq ferm aħjar mill-Istati Membri li ma jagħmlux dan.

(5) Proporzjon kbir ta' aċċidenti tat-traffiku jseħħu fuq proporzjon żgħir ta' toroq fejn il-volumi tat-traffiku u l-veloċitajiet huma għoljin u fejn ikun hemm varjetà kbira ta' traffiku li jivvjaġġa b'veloċitajiet differenti. Għalhekk l-estensjoni limitata tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/96/KE għall-awtostradi u t-toroq primarji oħra lil hinn min-netwerk tat-TEN-T mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq madwar l-Unjoni.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

(5a) Sabiex jiġi żgurat li t-tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni jkollha l-effett maħsub, huwa loġiku li toroq primarji oħra jinkludu tal-anqas dawk it-toroq li jgħaqqdu bliet kbar jew reġjuni li jappartjenu għall-ogħla kategorija ta' triq taħt il-kategorija "awtostrada" fil-klassifikazzjoni tat-toroq nazzjonali.

(6) Barra minn hekk, l-applikazzjoni mandatorja tal-proċeduri tad-Direttiva 2008/96/KE għal kwalunkwe proġett ta' infrastruttura tat-toroq barra ż-żoni urbani li jiġi esegwit permezz ta' finanzjament tal-Unjoni mistennija tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx biex jinbnew it-toroq mhux sikuri.

(7) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq abbażi tar-riskju fin-netwerk kollu rriżultat li hija strument effiċjenti u effikaċi biex jiġu identifikati partijiet tan-netwerk li jenħtieġ li jiġu indirizzati, permezz ta' spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq aktar bir-reqqa, u biex l-investiment jiġi pprijoritizzat skont il-potenzjal tiegħu biex iwassal titjib tas-sikurezza fin-netwerk kollu. In-netwerk kollu tat-toroq kopert minn din id-Direttiva għalhekk jenħtieġ li jiġi vvalutat b'mod sistematiku biex tiżdied is-sikurezza fit-toroq madwar l-Unjoni.

(8) L-integrazzjoni tal-elementi bl-aħjar prestazzjoni mill-proċedura preċedenti "tal-klassifikazzjoni u tal-ġestjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq" fi proċedura ġdida għall-valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu hija maħsuba biex tippermetti identifikazzjoni aħjar ta' partijiet tat-toroq fejn l-opportunitajiet għat-titjib tas-sikurezza huma l-ikbar u fejn interventi mmirati suppost iwasslu għall-ogħla titjib.

(8a) Sabiex titjieb il-kwalità, l-oġġettività, kif ukoll l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ġestjoni tas-sikurezza tat-toroq, huwa ta' benefiċċju li l-Istati Membri jitħallew jieħdu vantaġġ, fejn xieraq, mit-teknoloġiji li qed jiżviluppaw kontinwament għall-ispezzjoni ta' partijiet tat-toroq, id-dokumentazzjoni tal-kondizzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq u l-ġbir ta' data oħra relatata mas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq.

(9) Segwitu sistematiku dwar is-sejbiet tal-proċeduri tal-RISM huwa kruċjali biex jinkiseb it-titjib fis-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq, kif inhu meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-pjanijiet ta' azzjoni prijoritizzati jenħtieġ li jiżguraw li l-interventi meħtieġa jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli. B'mod partikolari, is-sejbiet tal-proċedura tal-valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom jiġu segwiti jew permezz ta' spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq immirati jew, jekk ikun possibbli u kosteffiċjenti, b'azzjoni diretta ta' rimedju maħsuba biex telimina jew tnaqqas ir-riskji tas-sikurezza tat-toroq mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv żejjed.

(10) Il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' toroq eżistenti jenħtieġ li tittejjeb permezz ta' investiment immirat fil-partijiet tat-toroq li jkollhom l-ogħla konċentrazzjoni ta' aċċidenti kif ukoll l-ogħla potenzjal ta' tnaqqis ta' aċċidenti.

(10a) Finanzjament u inċentivi finanzjarji fil-livell tal-UE jistgħu, skont il-kundizzjonijiet applikabbli, jintużaw biex jipprovdu appoġġ għal investiment bħal dan, li jikkomplementa inċentivi ta' investiment nazzjonali korrispondenti.

(11) Sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li jmissu ma' mini tat-triq tan-netwerk trans-Ewropew tat-toroq koperti bid-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jippreżentaw riskju partikolarment għoli ta' aċċidenti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu introdotti spezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq ta' dawn il-partijiet tat-toroq, li jinvolvu rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti, kemm tat-toroq kif ukoll tal-mini, sabiex tittejjeb is-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu kemm hu.

(12) L-utenti vulnerabbli tat-toroq ammonta għal 46 % tal-fatalitajiet fit-toroq tal-Unjoni fl-2016. Il-ħarsien tal-interessi ta' dawn l-utenti kollha fil-proċeduri kollha tar-RISM għalhekk jenħtieġ li jtejjeb is-sikurezza fit-triq.

(13) […].

(14) […].

(15) Il-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu jenħtieġ li tippermetti l-paragun tal-livelli tas-sikurezza tal-infrastruttura madwar l-Unjoni.

---

1 Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

(16) L-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' proċeduri li jiżguraw livell għoli konsistenti ta' sikurezza fit-toroq fin-netwerk trans-Ewropew kollu u fin-netwerk tal-awtostradi u t-toroq primarji madwar l-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod tajjeb biżżejjed mill-Istati Membri. Madankollu, peress li huwa meħtieġ titjib fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-konverġenza lejn standards ogħla tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq, dan l-għan jista' jinkiseb fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan. B'riżultat ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-ivvjaġġar madwar l-Unjoni mistenni jsir iktar sikur, u dan imbagħad mistenni jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jappoġġa l-objettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

(17) Biex jiġi żgurat li l-kontenut tal-proċeduri tar-RISM ikompli jirrifletti l-aħjar għarfien tekniku disponibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tadatta l-Annessi ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[1]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(18) Miżuri speċifiċi huma meħtieġa għat-titjib kontinwu tal-prattiki ta' ġestjoni tas-sikurezza. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

(19) Għalhekk, id-Direttiva 2008/96/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2008/96/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafi minn 1 sa 3 huma sostitwiti b'dan li ġej u jiżdied il-paragrafu 2a:

1. "Din id-Direttiva tesiġi l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' proċeduri marbutin ma' valutazzjonijiet tal-impatt tas-sikurezza tat-toroq, verifiki tas-sikurezza tat-toroq, spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq u valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu mill-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal toroq li huma parti min-netwerk trans-Ewropew, għall-awtostradi u toroq primarji oħra, kemm jekk ikunu fl-istadju tad-disinn, kif ukoll jekk qed jinbnew inkella diġà huma operazzjonali[2].

2a. Kull Stat Membru għandu jindika t-toroq primarji fit-territorju tiegħu b'kont meħud tal-klassifikazzjoni tat-toroq eżistenti tiegħu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bit-toroq primarji fit-territorju tiegħu mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe bidla sussegwenti għalihom.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[2] SE hija tal-fehma li din id-Direttiva għandha tapplika biss għal toroq li huma parti min-netwerk trans-Ewropew.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal toroq u proġetti ta' infrastruttura tat-toroq li mhumiex koperti mill-paragrafu 2 li jinsabu 'l barra miż-żoni urbani, li ma jaqdux proprjetajiet li jmissu magħhom u li jitlestew bl-użu ta' finanzjament tal-Unjoni bl-eċċezzjoni ta' toroq li mhumiex miftuħa għal traffiku ta' vetturi ġenerali (eż. mogħdijiet għar-roti) jew toroq li mhumiex iddisinjati għal traffiku ġenerali (eż. toroq ta' aċċess għal siti industrijali, agrikoli jew forestali)";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

4. '"netwerk tat-toroq trans-Ewropew" tfisser is-sistema tat-toroq imfissra fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 348 , 20.12.2013, p. 1).;";

(b) jiddaħħlu l-punti 2a u 2b li ġejjin:

"2a. "awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;

(b) li fil-livell tagħha ma taqsam ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi;

(c) tkun iddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;

2b. "triq primarja" tfisser triq, iddeżinjata mill-Istati Membri, li tgħaqqad bliet kbar jew reġjuni;

2c. […];”;

(c) il-punti 5 u 6 jitħassru;

(d) il-punt 7 huwa sostitwit b’dan li ġej u jiżdied il-punt 7a:

“6. […];

7. “spezzjoni tas-sikurezza tat-toroq immirata” tfisser investigazzjoni mmirata biex tidentifika kondizzjonijiet perikolużi, difetti u problemi li jżidu r-riskju ta’ inċidenti u korrimenti, abbażi ta’ żjara fuq il-post ta’ triq eżistenti jew ta’ parti minn triq;

7a. "spezzjoni tas-sikurezza tat-toroq perjodika" tfisser verifika perjodika ordinarja tal-karatteristiċi u d-difetti li jeħtieġu xogħol ta' manutenzjoni għal-raġunijiet ta' sikurezza;”;

(e) jiddaħħal il-punt 10 li ġej:

“‘10. “utent vulnerabbli tat-triq” tfisser utenti tat-triq mingħajr vettura bil-mutur, inkluż, b’mod partikolari, iċ-ċiklisti u l-persuni bil-mixi, kif ukoll l-utenti ta’ vetturi motorizzati b’żewġ roti.”;

(3) L-Artikolu 5 jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 5*

**Valutazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu tan-netwerk tat-toroq li jintużaw kollu kopert b’din id-Direttiva.

1a. Il-valutazzjonijiet tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu għandhom jevalwaw ir-riskju tal-gravità fil-każ ta' inċident u r-riskju tal-gravità tal-impatt, abbażi, bħala minimu:

– stħarriġ viżiv, fuq il-post jew b’mezzi elettroniċi, tal-karatteristiċi tad-disinn ta’ (sikurezza intrinsika) tat-toroq; u

– analiżi tal-partijiet tan-netwerk tat-toroq li ilhom jintużaw għal aktar minn tliet snin u li fuqhom seħħ għadd kbir ta' inċidenti gravi fi proporzjon mal-fluss tat-traffiku;

– […].

1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ewwel valutazzjoni ssir sa mhux aktar tard mill-2025. Valutazzjonijiet sussegwenti tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu għandhom ikunu frekwenti biżżejjed biex jiġu żgurati livelli adegwati ta' sikurezza, iżda fi kwalunkwe każ għandhom isiru mill-inqas kull ħames snin.

2. Fit-twettiq tal-valutazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi indikattivi stabbiliti fl-Anness III.

3. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u għall-fini ta' prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet għal azzjoni ulterjuri, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw il-partijiet kollha tan-netwerk tat-toroq skont il-livell ta' sikurezza tagħhom.

4. […]

5. […]"

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Spezzjonijiet perjodiċi tas-sikurezza tat-toroq**";

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet perjodiċi tas-sikurezza tat-toroq bi frekwenza suffiċjenti sabiex ikunu salvagwardati l-livelli ta' sikurezza adatti għall-infrastruttura tat-toroq ikkonċernata.";

(b) il-paragrafu 2 jitħassar u l-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. […] .

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sikurezza tal-partijiet tan-netwerk tat-toroq li jmissu ma' mini tat-triq koperti mid-Direttiva 2004/54/KE, permezz ta' spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq konġunti li jkunu jinvolvu lill-entitajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2004/54/KE. L-ispezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq konġunti għandhom isiru mill-inqas darba kull sitt snin.";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli 6a, 6b u 6c li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

**Segwitu tal-proċeduri għal toroq li jintużaw**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq kollu mwettqa skont l-Artikolu 5 ikunu segwiti bi spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq immirati jew b'azzjoni ta' rimedju diretta.

1a. Meta jwettqu spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq immirati l-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi indikattivi stabbiliti fl-Anness IIa.

1b. L-ispezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq immirati għandhom jitwettqu minn timijiet ta' esperti. Tal-inqas membru wieħed tal-grupp ta' esperti għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(4)(a).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' sikurezza tat-toroq immirati jiġu segwiti minn deċiżjonijiet motivati li jiddeterminaw jekk hiex meħtieġa azzjoni ta' rimedju. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-partijiet tat-toroq fejn hemm bżonn ta' titjib fis-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq u jiddefinixxu azzjonijiet li għandhom jingħataw prijorità biex titjieb is-sikurezza ta' dawk il-partijiet tat-toroq.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjoni ta' rimedju tkun immirata lejn il-partijiet tat-toroq b'livelli baxxi ta' sikurezza u li joffru l-opportunità għall-implimentazzjoni ta' miżuri b'potenzjal għoli għall-iżvilupp tas-sigurtà u l-iffrankar tal-ispejjeż relatati mal-inċidenti.

4. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw regolarment pjan ta' azzjoni prijoritizzat ibbażata fuq ir-riskju biex isegwi l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' rimedju identifikata.

*Artikolu 6b*

**Protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-implimentazzjoni tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 6 jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli tat-triq.";

*Artikolu 6c*

**Il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku**

1. […]

2. […]

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn [*ĠU: daħħal id-data tad-data fis-seħħ + tliet snin*], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku u dwar il-viżibbiltà tagħhom u kemm hu faċli li jarawhom is-sewwieqa umani kif ukoll il-vetturi mgħammra b'sistemi ta' assistenza għas-sewwieq jew livelli ogħla ta' awtomatizzazzjoni. Ir-rapport għandu jitħejja f'kooperazzjoni ma' esperti maħtura mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jkopri b'mod partikolari l-valutazzjonijiet li ġejjin:

– l-interazzjoni bejn id-diversi teknoloġiji ta' assistenza għas-sewwieq u l-infrastruttura;

– l-effett tat-temp u ta' fenomeni atmosferiċi fuq il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-toroq preżenti fit-territorju tal-Unjoni;

– ir-rwol ta' korpi internazzjonali differenti fl-iżvilupp ta' standards u rekwiżiti oħra; u

– it-tip u l-frekwenza tal-isforzi ta' manutenzjoni meħtieġa għal diversi teknoloġiji, inkluż stima tal-ispejjeż.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm sinjali adatti biex iwissu lill-utenti tat-toroq dwar partijiet tal-infrastruttura tat-toroq fejn ikunu qed isiru tiswijiet u li jistgħu għaldaqstant jipperikolaw is-sikurezza tal-utenti tat-toroq. Dawn is-sinjali għandhom jinkludu wkoll sinjali li jkunu viżibbli kemm binhar kif ukoll billejl u jitpoġġew f'distanza sikura u għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar is-Sinjali tat-Toroq tal-1968."

(5a) fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, linji gwida skont liema għandha tiġi rrapportata s-severità tal-inċidenti, inkluż l-għadd ta' fatalitajiet u persuni korruti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(6) L-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

**Skambju tal-aħjar prattiki**

Sabiex tiżdied is-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, li tkopri, fost l-oħrajn, proġetti ta' sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq eżistenti u teknoloġiji ta' sikurezza fit-toroq li ġew ittestjati";

(7) fl-Artikolu 11, jitħassar il-paragrafu 2;

2. […]

(7) għandu jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"*Artikolu 11a*

**Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Ottubru 2026, u kull ħames minn hemm ’il quddiem, dwar il-klassifikazzjoni tal-partijiet tat-toroq valutati skont l-Artikolu 5”;

(8) L-Artikolu 12 jinbidel b’dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Emenda tal-Annessi**

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12a li jemendaw l-Annessi sabiex jadattawhom għall-progress tekniku.”;

(9) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"*Artikolu 12a*

**Eżerċitar tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta’ ħames snin minn [*ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ]*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport b'rabta mad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b’mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[1].

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament bih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk, fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew oġġezzjoni, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(10) fl-Artikolu 13, jitħassar il-paragrafu 3:

"*Artikolu 13*

**Proċedura tal-Kumitat**[2]

3. […]

(11) l-Annessi huma emendati kif imniżżel fl-Anness għal din id-Direttiva.

---

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

2 Il-Presidenza tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, li jgħid li "*fejn l-att bażiku jagħmel referenza għall-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, għandha tapplika l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament u l-att bażiku għandu jitqies li jistipula li, fin-nuqqas ta' opinjoni, il-Kummissjoni ma tistax tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, kif previst fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4)*;"

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [UP: jekk jogħġbok daħħal id-DATA kkalkulata 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill Il-President*

L-Annessi għad-Direttiva 2008/96/KE huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"ANNESS I**

**ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ";**

(2) L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"ANNESS II**

**ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-VERIFIKI TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ",**

(b) fit-taqsima 1, jiżdied il-punt (n) li ġej:

"(n) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,

ii) dispożizzjonijiet għaċ-ċiklisti,

iii) dispożizzjonijiet għall-vetturi motorizzati b'żewġ roti.";

(c) fit-taqsima 2, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,

ii) dispożizzjonijiet għaċ-ċiklisti,

iii) dispożizzjonijiet għall-vetturi motorizzati b'żewġ roti;";

(3) jiddaħħal l-Anness IIa li ġej:

**"ANNESS IIa**

**ELEMENTI INDIKATTIVI TAL-ISPEZZJONIJIET IMMIRATI TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ**

Ġenerali

- Valutazzjoni ta' jekk it-tip ta' toroq hux idoneu għal dik il-fini
- Valutazzjoni/evalwazzjoni tal-limitu tal-veloċità, il-veloċità u l-konformità regolatorja
- Valutazzjoni tas-sikurezza għall-utenti kollha tat-toroq, speċifikament l-utenti vulnerabbli tat-triq
- Valutazzjoni tal-funzjonalità jew il-ħtieġa ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tat-traffiku

Disinn tat-toroq

- Valutazzjoni tat-tfassil tat-toroq - *Valutazzjoni ta' jekk id-disinn tat-toroq* hux f'armonija mal-funzjoni tat-triq *(b'kunsiderazzjoni pereżempju tal-wisa' tat-triq, l-għadd ta' karreġġati,* limiti tal-veloċità, *konflitt potenzjali ma' persuni mexjin u ċiklisti)*
- Valutazzjoni tat-tqassim tat-toroq u d-disinn ta' intersezzjonijiet tat-toroq u interkambji, inkluż qsim pedonali u bit-triq/bil-ferrovija
- Spezzjoni tal-funzjoni jew tal-ħtieġa għal barrikati ta' sigurtà ċentrali
- Spezzjoni tal-post u d-disinn ta' waqfiet għat-trasport pubbliku
- Spezzjoni tal-post u s-sikurezza ta' żoni ta' parkeġġ u ta' mistrieħ

Perikli fiż-żona maġenb it-triq u esterni

- Spezzjoni taż-żona ta' maġenb it-triq - fittex ostakli fissi jew li jaqtgħu maġenb it-triq, korsiji tal-ilma jew telgħat jew niżliet weqfin
- Spezzjoni tal-ħtieġa ta' protezzjoni kontra l-ġebel li jaqa', l-uqigħ tal-art, il-valangi u t-tibdil fil-klima, pereżempju fir-rigward ta' flussi tal-ilma għoljin

Tagħmir tat-toroq

- Spezzjoni tat-tagħmir ta' maġenb it-triq – fittex il-perikli u l-effettività tas-sistemi.
- Valutazzjoni tal-viżibbiltà, kemm hu faċli biex jinqraw il-marki, is-sinjali u l-indikazzjonijiet tat-toroq u l-pożizzjoni u l-funzjoni tagħhom

Il-proprjetajiet tal-wiċċ tat-triq

- Spezzjoni tal-kwalità tal-bankini
- Spezzjoni tan-nuqqasijiet ta' frizzjoni
- Spezzjoni tal-effiċjenzi tal-iskular tal-ilma fit-triq u barra t-triq";

(4) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"ANNESS III**

**ELEMENTI INDIKATTIVI TA' VALUTAZZJONIJIET TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ FIN-NETWERK KOLLU**

Data bażika: Il-volum tat-traffiku, jekk possibbli maqsum fi gruppi ta' utenti tat-toroq differenti

**(a)** "Valutazzjoni proattiva" - Karatteristiċi tat-triq fir-rigward ta' disinn u ta' sikurezza abbażi tal-elementi ta' riskju magħrufa:

➢ Disinn biex jiġu evitati ħabtiet frontali.

*It-toroq b'veloċità għolja huma separati fiżikament fin-nofs? (iva/le)*

➢ Disinn biex ikunu evitati inċidenti uniċi.

*Iż-żoni ta' maġenb it-triq huma mfassla biex jillimitaw il-fatalitajiet u l-korrimenti gravi (li jinkludi n-nuqqas ta' ostakli fissi (li ma jassorbux l-enerġija), telgħat weqfin u ilma fond) u t-toroq għandhom barrikati fejn meħtieġ? (iva/le)*

➢ Disinn għall-utenti vulnerabbli tat-triq.

*Jeżistu rotot segregati għall-persuni mexjin fit-triq u ċ-ċiklisti tul it-triq u minn naħa għall-oħra tagħha (JEKK dawn l-utenti tat-triq għandhom id-dritt li jużaw it-triq)? Il-persuni mexjin fit-triq u ċ-ċiklisti huma separati mill-vetturi bil-mutur fejn il-volumi ta' dawn il-gruppi ta' traffiku mhumiex sinifikanti? (iva/le)*

*L-adattament tal-veloċità huwa assigurat fejn it-triq għandha taħlita ta' gruppi ta' utenti tat-triq differenti (vetturi bil-mutur kif ukoll persuni mexjin fit-triq u ċiklisti)? (iva/le)*

➢ Disinn biex jiġu evitati ħabtiet mill-ġenb.

*Il-qsim għandu viżibbiltà tajba? (iva/le)*

*Il-qsim għandu disinn sabiex jiġi evitat il-ħbit mill-ġenb (f'angoli ta' 90 grad)? (iva/le)*

**(b)** "Valutazzjoni reattiva" ibbażata fuq analiżi/data dwar l-inċidenti:

- L-għadd u l-post tal-fatalitajiet skont il-grupp tal-utenti tat-triq (fosthom il-black spots)
- L-għadd u l-post ta' korrimenti gravi skont il-grupp tal-utenti tat-triq
- Il-proporzjon tal-għadd ta' persuni maqtula u midruba serjament (numeratur) u l-miljun ta' kilometri tal-vetturi (denominatur).

(5) L-Anness IV jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. "Il-post kemm jista' jkun preċiż tal-inċident, inklużi l-koordinati tal-GNSS;"

(b) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

5 "il-gravità tal-inċident."